MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2024

Appell Inferjuri Numru 3/2023 LM

**In-Nutar Dr Josette Spiteri Cauchi (K.I. nru. 16980G)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**l-Avukat Ġenerali**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **n-Nutar Dr Josette Spiteri Cauchi (K.I. nru. 16980G)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], fl-20 ta' Mejju, 2023 u għalhekk issa qiegħda tressaq dan l-appell fil-konfront tal-**Avukat Ġenerali** [hawnhekk 'id-deċiżjoni appellata'], fejn iddeċidiet kif ġej:

*"Għalhekk, tiċħad it-talba għall-korrezzjoni u tqis l-att ta' RISPOSTA ppreżentat min-Nutar Dottor Spiteri Cauchi bħala null u bla effett u konsegwentement mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu u tqis li ma saret ebda kontestazzjoni tar-Rapport fiż-żmien utili ta' tletin (30) jum min-notifika tar-Rapport lin-Nutar.*

*Għalhekk, in difett ta' kontestazzjoni valida għal dan ir-rapport fiż-żmien utli, ser tgħaddi biex tikkonferma l-istess rapport tal-Uffiċjal Reviżur.*

*Rat li għalhekk ma għandha ebda raġuni biex tvarja jew tħassar il-kontenut ta' dan ir-rapport dwar il-ħtija u l-applikazzjoni tal-preskrizzjoni ta' dawn l-infrazzjonijiet, tal-art. 50 tal-Kap. 55 indikati fir-rapport, peress li hija applikabbli l-preskrizzjoni speċjali li tinstab fl-art. 142 tal-Kap. 55. Għalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli 50, 131(4) u 142 tal-Kap. 55, tikkonferma r-rapport tal-Uffiċjal Reviżur in kwantu li l-azzjoni dixxiplinari kontra n-Nutar Dottor Josette Spiteri Cauchi għall-kontravvenzjonijiet konstatati kontra l-art. 50 tal-Kap. 55 hija preskritta bit-trapass ta' ferm aktar minn ħames (5) snin.*

*Però fir-rigward tan-nuqqas l-ieħor senjalat mill-Uffiċjal Reviżur, filwaqt li hawn ukoll tapplika l-preskrizzjoni kontemplata fl-art. 142 tal-Kap. 55 u ergo ma hemmx każ ta' applikazzjoni ta' penali jew ammenda,* ***KIF GĦAMLET FIL-KAŻIJIET SIMILI KOLLHA FEJN ĠIE KONSTATAT NUQQAS SIMILI TA' NUQQAS TA' DOPPJA REĠISTRAZZJONI, TORDNA LIN-NUTAR DOTTOR JOSETTE SPITERI CAUCHI LI FI ŻMIEN SITTIN (60) JUM TEFFETTWA D-DEBITA REĠISTRAZZJONI TAL-ATTI INDIKATI FIR-RAPPORT FIR-REĠISTRI JEW TA' "MALTA JEW TA' GĦAWDEX" SKONT IL-KAŻ.***

***TRID IMBAGĦAD TIPPREŻENTA LILL-UFFIĊJAL REVIŻUR KOPJA TAN-NOTI TAL-INSINWA U L-UFFIĊJAL REVIŻUR TRID TINFORMA LIL DIN IL-QORTI JEKK DAN IKUNX SAR FIŻ-ŻMIEN FUQ ORDNAT ULTERJURI KONTRA N-NUTAR SPITERI CAUCHI SKONT IL-KAŻ GĦALL-KSUR TA' DIN L-ORDNI."***

Għalhekk issa l-appellanta qiegħda tressaq l-appell odjern fil-konfront tal-**Avukat Ġenerali** [hawnhekk 'l-appellat'].

## <u>Fatti</u>

2. Il-proċeduri kontra r-rikorrenti quddiem l-Ewwel Qorti, kienu nbdew wara li l-Uffiċjal Reviżur **Dr Karen Vella**, permezz ta' rapport ippreżentat

quddiem l-Ewwel Qorti fil-5 ta' Jannar, 2023, irrilevat li wara li għamlet il-verifiki meħtieġa skont il-liġi, ikkonstatat li matul is-sena 2006 kien hemm mija u ħames (105) att li kienet ippubblikat ir-rikorrenti, li kienu ġew insinwati tard, għalkemm ma kien hemm l-ebda penali għal din l-infrazzjoni għaliex din hija preskritta skont l-artikolu 142 tal-Kap. 55 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Uffiċjal Reviżur ikkonstatat ukoll li kien hemm atti li ma ġewx insinwati skont il-liġi fiż-żmien stipulat skont il-Kap. 55 u l-artikolu 4 tal-Kap. 56 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan in vista tal-fatt li kien hemm diversi atti li ma ġewx irreġistrati doppjament kif tgħid il-liġi.

3. Ir-rikorrenti oġġezzjonat għal dan ir-rapport quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili, fejn spjegat li kwalunkwe azzjoni dixxiplinarja fil-konfront tagħha hija preskritta bid-dekors ta' ħames (5) snin minn dakinhar li saret l-allegata kontravvenzjoni fl-2006, u dan *ai termini* tal-artikolu 142 tal-Kap. 55 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti qalet ukoll li kwalunkwe azzjoni fil-konfront tagħha minħabba allegat ksur tal-artikolu 4 tal-Kap. 56 tal-Liġijiet ta' Malta hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 688(e) jew 688(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, billi skont l-artikolu 37 tal-Kap. 56, dawn l-allegati infrazzjonijiet huma ta' natura kontravvenzjonali. Ir-rikorrenti żiedet tgħid li l-atti tagħha għas-sena 2006 kienu ġew riveduti mill-Uffiċjal Reviżur preċedenti Dr Louis Vella, u dan imkien ma rrileva li l-atti tal-2006 kienu ġew insinwati f'reġistru wieħed biss. Qalet li r-rapport huwa għal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt, u dan billi ma jgħidx b'mod preċiż x'inhi l-infrazzjoni allegata. Ir-rikorrenti qalet li l-informazzjoni personali u professjonali tagħha mhijiex korretta b'riferiment għas-sena 2006, għaliex dak iż-żmien hija kienet tipprattika l-professjoni tagħha ta' nutara fl-uffiċċju ta'

Abela & Abela Notaries, 25, Dakar Building, Level 1, Triq Henry Calleja, San Ġiljan, u minħabba f'hekk hija kienet tirrisjedi f'Malta. Qalet li fil-fatt l-atti tas-sena 2006 ġew arkivjati fl-arkivju ta' Malta, u dawn inżammu hemm għal żmien twil, sakemm hija reġgħet bdiet tirrisjedi ġewwa Għawdex. Qalet li minkejja d-dettalji mniżżla fuq il-karta tal-identità tagħha, u dan għaliex hija imwielda Għawdex u għalhekk il-karta tal-identità tagħha baqgħet turi Għawdex bħala r-residenza tagħha, fiż-żmien rilevanti, jiġifieri fl-2006, hija kienet tgħix f'Malta, għaliex kienet teżerċita l-professjoni tagħha minn uffiċċju f'Malta. B'riferiment għall-mertu, qalet li hija ma wettqet l-ebda infrazzjoni jew kontravvenzjoni kif allegat. Qalet ukoll li jekk l-Uffiċjal Reviżur tgħid li l-allegata infrazzjoni saret għaliex hija ma rreġistratx doppjament l-atti msemmija għaliex fiż-żmien rilevanti hi kienet allegatament tgħix ġewwa Għawdex, għandu jirriżulta li fiż-żmien rilevanti hija kienet tgħix ġewwa Malta. Qalet li dak li jgħid ir-rapport tal-Uffiċjal Reviżur, jiġifieri li hija m'għamlet l-ebda kawża sabiex topponi s-sejbiet fir-rapport, huwa għal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt għaliex ma teżisti l-ebda liġi li tgħid li għandha ssir kawża kif tgħid l-Uffiċjal Reviżur. Qalet ukoll li jekk ir-rapport tal-Uffiċjal Reviżur huwa bbażat fuq l-artikolu 4 tal-Kap. 56 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu dan jobbliga lin-nutara li joqogħdu Għawdex li jirreġistraw l-atti doppjament anki jekk il-partijiet li jidhru fuq att u l-proprjetà mertu tal-istess m'għandhom l-ebda konnessjoni mal-gżira ta' Għawdex, hija waħda diskriminatorja u tikser l-jedd fundamentali tagħha kif sanċit fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u qalet li din hija materja li għandha tiġi riferita lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *ai termini* tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

4. L-intimat Avukat Ġenerali wieġeb li fil-każ odjern jirriżulta li n-Nutar Spiteri Cauchi ippreżentat risposta fl-atti tar-rapport, u mhux rikors kif rikjest mis-sub-inċiż (4) tal-artikolu 94B tal-Kap. 55, u għalhekk il-kontestazzjoni tagħha hija nulla *ab initio*. Żied jgħid li f'każ li l-Ewwel Qorti tiddeċiedi li tikkunsidra l-kontestazzjoni tan-Nutara Spiteri Cauchi, irid jirrileva li huwa m'għandux aċċess u viżibilità tal-atti elenkati fir-rapport, u għalhekk mhux edott mill-fatti. Qal li minkejja dan, l-artikolu 4 tal-Kap. 56 jispjega ċar liema atti jridu jiġu rreġistrati f'Malta, f'Għawdex, jew fiż-żewġ gżejjer. L-intimat Avukat Ġenerali spjega li fil-każ tan-nutara li joqogħdu fil-gżira ta' Malta, l-iskrizzjoni tal-atti għandha ssir f'Għawdex, apparti f'Malta, fir-rigward ta' immobbli li qegħdin fil-gżira ta' Għawdex jew Kemmuna, filwaqt li fil-każ tan-nutara li joqogħdu fil-gżira ta' Għawdex, l-iskrizzjoni għandha ssir kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, meta l-atti jirrigwardjaw immobbli li qegħdin fil-gżira ta' Malta. L-Avukat Ġenerali intimat qal li kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li tipprova, permezz ta' evidenza, hija fejn kienet qiegħda toqgħod fiż-żmien rilevanti, u f'każ li jirriżulta li hija verament kienet tirrisjedi f'Malta kif qed tallega, kien hemm diversi atti tal-2006 msemmija mill-Uffiċjal Reviżur, li bilfors kellhom jiġu rreġistrati f'Malta, kif ukoll f'Għawdex, anki jekk jirreferu għal proprjetà li qiegħda f'Għawdex, u dan *ai termini* tal-artikolu 4(1) tal-Kap. 56 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimat qal li jekk l-istess Nutar tipprova li hija tassew kienet tirrisjedi f'Malta fl-2006, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-atti kellhom jiġu rreġistrati f'Malta, u dan in-nuqqas għalhekk ikun ifisser li hija naqset mill-obbligi tagħha skont il-Kap. 55 u Kap. 56 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimat eċċepixxa wkoll li fir-rigward tal-allegata diskriminazzjoni lamentata mir-rikorrenti, filwaqt li jirrespinġi din l-allegazzjoni bħala infondata fil-fatt u fid-dritt, irid jingħad li l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili mhijiex il-

forum adattat fejn għandha titressaq tali allegazzjoni, u għalhekk din l-allegazzjoni għandha tiġi injorata.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-20 ta' Mejju, 2023, l-Ewwel Qorti tat is-segwenti deċiżjoni:

*"Il-Qorti,*

*Reġgħet rat ir-Rapport tal-Uffiċjal Reviżur Dottor Karen Vella li jġib in-numru 47/2023 dwar l-atti* "inter vivos" *pubblikati fis-sena 2006 min-Nutar Dottor Josette Spiteri Cauchi u li fih irriskontrat li mija u ħames (105) atti ġew insinwati tard bi ksur tal-art. 50 tal-Kap. 55 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Uffiċjal Reviżur però ssottomettiet li l-penali ai termini tal-Art. 131 tal-Kap. 55 għal dawn l-infrazzjonijiet hija preskritta skont l-art. 142 tal-Kap. 55, stante li għaddew aktar minn ħames snin minn meta seħħew.*

*Irrilevat ukoll li numru ta' atti ma ġewx insinwati fiż-żewġ reġistri ta' Malta u Għawdex billi ġew reġistrati f'Malta biss jew f'Għawdex biss, meta però skont il-Liġi, peress li n-Nutar Dottor Spiteri Cauchi kienet taħdem f'Malta però tirrisjedi f'Għawdex, skont il-karta tal-identità tagħha, suppost li kellha tinsinwa dawn l-atti fiż-żewġ reġistri ta' Malta w Għawdex skont l-art. 4 tal-Kap. 56 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Rat ir-RISPOSTA tal-istess Nutar li biha kkontestat it-tieni serje ta' nuqqasijiet imsemmija mill-Uffiċjal Reviżur li jirrigwardaw il-fatt li ma saritx l-insinwa tal-atti fiż-żewġ reġistri ta' Malta u Għawdex u dan abbażi ta' diversi raġunijiet elenkati fl-istess att.*

*Rat id-Digriet tagħha tal-21 ta' Frar, 2023, li bih ordnat in-notifika tar-Rapport u ta' dan l-att lill-Avukat Ġenerali li kellu tletin (30) jum għar-Risposta tiegħu.*

*Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali tal-20 ta' Marzu, 2023 fejn, in linea preliminari, eċċepixxa li n-Nutar Spiteri Cauchi kienet ippreżentat* ***"Risposta"*** *in atti u mhux rikors kif rikjest mis-subinċiż (4) tal-art. 49B u għalhekk biss it-tali kontestazzjoni hija nulla* ab initio. *Fil-mertu imbagħad ikkwota l-art. 4(1)(2)(3) u (4) tal-Kap. 56 li jgħid ċar u tond li meta Nutar ikun jirrisjedi fi Gżira u jippubblika att dwar proprjetà li tinsab fil-Gżira l-oħra, irid jirreġistra l-atti fiż-żewġ Gżejjer. Inoltre anki jekk kellu jirriżulta li n-Nutar Spiteri Cauchi kienet residenti f'Malta, l-atti li kienu jirrigwardaw proprjetà*

*f'Għawdex ukoll kellhom jiġu reġistrati fir-Reġistri taż-żewġ Gżejjer. Finalment issottometta li dwar l-argument li l-art. 4 tal-Kap. 56 huwa diskriminatorju, din il-Qorti mhux il-forum adattat fejn it-tali allegazzjoni għandha ssir u għalhekk din il-Qorti għandha tiskarta u tinjora għal kollox l-allegazzjoni rigward il-leżjoni tad-dritt fondamentali tan-Nutar.*

*Rat id-Digriet tagħha tal-21 ta' Marzu, 2023 fejn bla preġudizzju għall-eċċezzjoni tan-nullità tar-"risposta" li suppost ħadet il-forma ta' RIKORS ordnat in-notifika tar-Risposta tal-Avukat Ġenerali lin-Nutar Spiteri Cauchi li kellha tmint (8) ijiem għar-replika tagħha.*

*Rat ir-Replika u r-Rikors tan-Nutar Spiteri Cauchi tas-27 t'April, 2023, fejn apparti li qalet li l-fatt li minflok ma sejħet l-att li bih ikkontestat ir-Rapporti bħala Rikors, indikatu bħala risposta ma jġibx in-nullità insanabbli tal-att, hija kienet ser tressaq talba biex fejn hemm miktub li l-att huwa "risposta", dan jiġi sostitwit bil-kelma "rikors". Fil-fatt għamlet talba f'dan is-sens.*

*Finalment hija rreferiet għall-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta fejn kull Qorti li quddiemha tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-art. 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni dik il-Qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċiment frivola jew vessatorja.*

*Rat id-Digriet tagħha tat-2 ta' Mejju, 2023 li bih ordnat in-notifika ta' dan l-att "ibridu" lill-Avukat Ġenerali biex jindirizza t-talba għall-korrezjoni mitluba fil-paragrafi tar-"Replika w Rikors".*

*Finalment rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Mejju, 2023 fejn ikkontesta li d-difett fl-att intavolat min-Nutar Spiteri Cauchi seta' jiġi ssanat bis-sempliċi mod li l-kelma RISPOSTA tiġi kkanċellata u sostitwita bil-kelma "RIKORS", u dana għaliex l-att ġudizzjarju intavolat fl-20 ta' Frar, 2023, huwa monk in kwantu iservi bħala rikors, mhux biss għax nieqes mill-użu tal-kelma "Rikors" iżda għax nieqes minn dawk l-elementi bażiċi u essenzjali li jagħtuh in-natura ta' rikors. Dan għaliex **huwa nieqes mit-talba /jew talbiet** u għalhekk ma jistax jiġi sempliċiment sanat b'tibdil bi ftit kliem. Dan għaliex fih ukoll vjolazzjoni fil-forma meħtieġa mil-liġi u/jew nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi u ċioe li ssir talba sabiex **"il-Qorti twarrab kompletament jew parzjalment ir-rapport tal-Uffiċjal Reviżur"** kif jiddisponi l-art. 94B(4).*

*Għalhekk talab li l-Qorti tiċħad l-ewwel talba għall-korrezzjoni fir-rikors intavolat min-Nutar Spiteri Cauchi fis-27 ta' April, 2023 għax ir-Risposta tagħha tal-20 ta' Frar, 2023*

*ma tistax tiġi sanata stante li l-att in kwistjoni fih vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi u/jew nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-Liġi u għalhekk tiddeċiedi li r-Risposta intavolata fl-20 ta' Marzu, 2023 hija nulla* ab initio.

*Ikkonsidrat;*

*Illi din il-Qorti, wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-partijiet, tħoss li l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali dwar in-nullità tal-att imsejjaħ "RISPOSTA" mil-legali tan-Nutar Spiteri Cauchi hija fondata fil-liġi u l-att lanqas ma jista' jkun sanabbli bis-sempliċi tneħħija tal-kelma "Risposta" fl-intestatura tiegħu u bis-sostituzzjoni tagħha bil-kelma "RIKORS" għax, anki kieku kellha tiġi milqugħa din it-talba kif saret fir-rikors tas-27 t'April, 2023, xorta waħda dak l-att ma fihx it-talba li l-liġi espressament tesiġi biex jiġi kontestat rapport ta' Uffiċjal Reviżur, ċioe li* ***"l-QORTI TWARRAB KOMPLETAMENT JEW PARZJALMENT IR-RAPPORT TAL-UFFIĊJAL REVIŻUR"*** *kif rikjest fl-art. 94B(4) tal-Kap. 55 tal-Liġijiet ta' Malta."*

## <u>L-Appell</u>

6. Fir-rikors tal-appell imressaq mir-rikorrenti fit-12 ta' Ġunju, 2023, hija talbet lil din il-Qorti tilqa' l-aggravji mressqa minnha, u għalhekk tilqa' t-talba tagħha għall-korrezzjoni magħmula fis-27 ta' April, 2023, u b'hekk tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili biex din tagħti d-deċiżjoni tagħha mill-ġdid; tibgħat il-kwistjoni kostituzzjonali mqanqla minnha sabiex tiġi ttrattata u deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali); u tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili tal-20 ta' Mejju, 2023.

7. L-appellanta qalet li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni appellata, għaliex l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiddikjara l-kontestazzjoni tagħha bħala nulla u bla effett, u tonqos milli tieħu konjizzjoni tagħha, jew tqis li l-appellanta m'għamlet l-ebda kontestazzjoni valida għar-rapport tal-Uffiċjal Reviżur. L-appellanta qalet li hija ġiet notifikata bir-rapport tal-Uffiċjal Reviżur fil-konfront

tagħha, u bid-digriet fejn ingħatat terminu utili ta’ tletin (30) ġurnata biex tippreżenta l-kontestazzjoni tagħha. Qalet li hija kkontestat dan ir-rapport billi ppreżentat ir-risposta tagħha, u żiedet tgħid li l-liġi ex-artikolu 94B tal-Kap. 55, tgħid li tali kontestazzjoni għandha ssir permezz ta’ rikors. Qalet li l-Avukat Ġenerali wieġeb li ladarba hija ppreżentat risposta u mhux rikors, il-kontestazzjoni tagħha hija nulla *ab initio.* Qalet li min-naħa tagħha hija kkontestat din il-pożizzjoni, u talbet korrezzjoni fis-sens li l-Ewwel Qorti tawtorizza l-korrezzjoni tal-att li bih ikkontestat ir-rapport tal-Uffiċjal Reviżur billi fejn hemm miktub li din hija ‘Risposta’, in-nomenklatura tiġi sostitwita bil-kelma ‘Rikors’. Qalet li l-Ewwel Qorti ċaħdet din it-talba, u ddikjarat il-kontestazzjoni tagħha nulla u bla effett, iddikjarat li mhijiex ser tieħu konjizzjoni tagħha, u li ser tqis li ma saritx kontestazzjoni valida fiż-żmien mogħti mil-liġi. L-appellanta qalet li din il-pożizzjoni mhux biss hija riġida, drakonjana u preġudizzjali għaliha, iżda ma ssib l-ebda suffraġju fil-liġi u fil-ġurisprudenza riċenti, li ttendi li safejn huwa possibbli l-atti ġudizzjarji għandhom jiġu salvati. Qalet li l-Kap. 55 imkien ma jgħid li jekk il-kontestazzjoni ssir b’att ġudizzjarju fil-forma ta’ risposta jew b’att ġudizzjarju ieħor li mhux rikors, il-kontestazzjoni titqies li hija nulla *ab initio,* kif qal l-Avukat Ġenerali, jew li tkun nulla u bla effett kif deċiż mill-Ewwel Qorti. Qalet li huwa l-artikolu 789(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li jirregola n-nullità ta’ atti ġudizzjarji. Żiedet tgħid li huma erbgħa (4) ċ-ċirkostanzi tassattivi biex eċċezzjoni ta’ nullità tirnexxi, u din bilfors trid tkun taqa’ taħt il-parametri ta’ xi waħda minnhom. Qalet li l-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi ma seħħet fil-każ odjern, u għalhekk l-eċċezzjoni tan-nullità tal-atti ppreżentati minnha kellha tiġi miċħuda. Qalet ukoll li lanqas il-fatt li r-risposta ppreżentata minnha ma kienx fiha talba speċifika sabiex l-Ewwel Qorti

twarrab kompletament jew parzjalment ir-rapport tal-Uffiċjal Reviżur, ma tfisser li din il-kontestazzjoni kienet nulla u bla effett. Qalet li hija oġġezzjonat għar-rapport tal-Uffiċjal Reviżur, u għalhekk minkejja li ma użatx espressament il-kliem tal-liġi, uriet u tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn ma kienitx qiegħda taqbel mar-rapport, u għalfejn fil-fehma tagħha dan kellu jiġi skartat. L-appellanta żiedet tgħid li minkejja li hija ma mxietx mal-kliem eżatt tal-liġi, dan ma jfissirx li l-att ġudizzjarju li hija ppreżentat, għandu jinkorri xi nullità. L-appellanta qalet ukoll li l-intimat Avukat Ġenerali ma sofra l-ebda preġudizzju, tant hu hekk li dan fehem il-mertu tal-kontestazzjoni tagħha, u għamel l-osservazzjonijiet tiegħu f'dan ir-rigward. L-appellanta qalet li jekk min-naħa l-oħra, it-talba tagħha tibqa' mhux milqugħa, u hija titqies li m'għamlet l-ebda kontestazzjoni valida, ser tkun hi li tiġi ppreġudikata bil-kbir, għaliex mhux ser ikollha *voce in capitolo,* u ser tispiċċa mċaħħda mid-dritt għal smigħ xieraq. L-appellanta qalet li l-Qrati tagħna ilhom snin jallontanaw ruħhom mill-pożizzjoni riġida adottata mill-Ewwel Qorti, li ma ssibx konfort lanqas fl-artikolu 789 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. L-appellanta qalet li l-*proviso* tal-artikolu 789(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jgħid li l-eċċezzjoni ta' nullità ma tkunx tista' tingħata, jekk in-nuqqas jew il-vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt xi disposizzjoni oħra tal-liġi, u għalhekk hija talbet li l-att ippreżentat minnha jiġi kkoreġut, sabiex il-kelma 'risposta' tiġi sostitwita bil-kelma 'rikors'.

Fit-tieni aggravju tagħha, l-appellanta qalet li l-Ewwel Qorti kellha tieħu konjizzjoni tal-provi ppreżentati minnha. Qalet li l-mertu tar-rapport tal-Uffiċjal Reviżur jista' jiġi ridott għal kwistjoni dwar ir-residenza tagħha, b'riferiment

għas-sena li dwarha sar ir-rapport. Kompliet tgħid li fiż-żmien rilevanti, hija kienet toqgħod Malta, u għalhekk kienet korretta meta rreġistrat l-atti in kwistjoni fir-Reġistru ta' Malta biss. Kompliet tgħid li jekk hija kienet tgħix f'Għawdex, il-liġi kienet tesiġi li l-atti notarili jiġu rreġistrati f'Malta u Għawdex. Qalet li min-naħa tagħha hija ppreżentat żewġ *affidavits* bħala prova tal-post fejn kienet tirrisjedi fiż-żmien rilevanti, iżda l-Ewwel Qorti ma ħadet l-ebda konjizzjoni tagħhom. L-appellanta qalet li għalhekk ma jistax jingħad li kien hemm proċess ġudizzjarju ġust u li jirrispetta d-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq.

10. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, l-appellanta qalet li l-Ewwel Qorti kellha tieħu konjizzjoni tal-ilment kostituzzjonali mqajjem quddiemha. Qalet li hija qajmet ilmenti kostituzzjonali f'żewġ okkażjonijiet, u talbet li ssir referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali). Qalet li l-ewwel darba li qajmet din il-lanjanza kien fir-risposta tagħha, u imbagħad quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili. Kompliet tgħid li jekk ir-rapport tal-Uffiċjal Reviżur kien ibbażat fuq l-artikolu 4 tal-Kap. 56 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu jobbliga lil nutara li joqogħdu f'Għawdex jirreġistraw l-atti doppjament anki jekk il-partijiet jew il-proprjetà ma jkollhom l-ebda konnessjoni ma' dik il-gżira, din id-dispozizzjoni tal-liġi hija waħda diskriminatorja, u tikser il-jeddijiet fundamentali tagħha kif protetti fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-appellanta qalet li l-Ewwel Qorti ma setgħetx taqbad u tiskarta t-talba tagħha daqs li kieku ma saritilhiex.

11. Permezz tar-raba' aggravju tagħha, l-appellanta qalet li fil-mertu, id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija żbaljata, għaliex dik il-Qorti ma kellha l-ebda

prova quddiemha li turi li r-residenza tal-appellanta fis-sena li fiha sar ir-rapport kienet f'Għawdex, u għalhekk kienet suġġetta għad-doppja reġistrazzjoni. L-appellanta qalet li l-Ewwel Qorti żbaljat ukoll meta fid-deċiżjoni aħħarija tagħha ordnat id-doppja reġistrazzjoni, meta quddiemha ma kellha l-ebda prova li turi li r-residenza tal-appellanta fis-sena li fiha sar ir-rapport, kienet proprju f'Għawdex. L-appellanta qalet li fiż-żmien rilevanti, ir-residenza tagħha kienet ġewwa Malta, u għalhekk id-deċiżjoni li imponiet fuqha d-doppja reġistrazzjoni hija żbaljata.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

12. L-appellat wieġeb billi ta l-isfond tal-kwistjoni li wasslet għall-appell odjern. Qal li l-Uffiċjal Reviżur intavolat rapport quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili *ai termini* tal-artikolu 94B tal-Kap. 55 tal-Liġijiet ta' Malta dwar kuntratti ppubblikati mill-appellanta fis-sena 2006. Qal li f'dan ir-rapport, l-Uffiċjal Reviżur irriskontrat diversi infrazzjonijiet, inkluż il-fatt li diversi atti pubbliċi ġew insinwati tardivament, u ċerti atti li kellhom jiġu rreġistrati kemm f'Malta u kemm f'Għawdex fil-fatt ma ġewx hekk irreġistrati mill-appellanta, minkejja li kien hemm dan l-obbligu legali. L-appellat qal li minkejja dawn l-infrazzjonijiet, l-Uffiċjal Reviżur iddikjara li kull penali li talvola setgħet kienet dovuta mill-appellanta, hija preskritta skont l-artikolu 142 tal-Kap. 55. L-appellat kompla jgħid li mir-rapport tal-Uffiċjal Reviżur, għandu jirriżulta li l-appellanta ġiet innotifikata li kellha tletin jum sabiex toġġezzjona għar-rapport, u li din l-oġġezzjoni kellha ssir permezz ta' rikors. L-appellat kompla jgħid li fl-20 ta' Frar, 2023, l-appellanta permezz tal-avukat difensur tagħha, ippreżentat

risposta, u mhux rikors, fejn ikkontestat il-konklużjonijiet tar-rapport tal-Uffiċjal Reviżur għar-raġunijiet hemmhekk indikati. L-appellat kompla jgħid li huwa rrisponda għall-imsemmi att fl-20 ta' Marzu, 2023, fejn issottometta li l-kontestazzjoni tal-appellanta hija nulla *ab initio,* għaliex ma saritx permezz ta' rikors kif rikjest mil-liġi. Qal li l-appellanta ngħatat id-dritt li tirreplika għal din it-tweġiba tiegħu, fejn permezz ta' replika u rikors kontestwali intavolati fis-27 ta' April, 2023, l-appellanta qalet li hija ppreżentat risposta u mhux rikors minħabba żball tal-pinna, u fi kwalunkwe każ, dan l-iżball ma jinkwadrax ruħu fiċ-ċirkostanzi elenkati fl-artikolu 789(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellanta talbet ukoll li r-risposta tagħha tiġi ssanata, billi kull fejn tissemma l-kelma 'risposta', din tinbidel bil-kelma 'rikors', u billi talbet ukoll lill-Ewwel Qorti tiċħad ir-risposta tal-Avukat Ġenerali, u tilqa' l-kontestazzjonijiet magħmula minnha. L-appellat spjega li fit-2 ta' Mejju, 2023, il-Qorti tat digriet ieħor fejn ordnat in-notifika tar-rikors intavolat fis-27 ta' April, 2023, u dan sabiex l-Avukat Ġenerali jwieġeb dwar l-ewwel talba dedotta fl-imsemmi rikors, jiġifieri dwar it-talba għall-korrezzjoni.

13. L-appellat qal li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li dan ma kienx 'żball tal-pinna' kif ittentat tagħti l-impressjoni l-appellanta, għaliex l-appellanta kienet taf li jekk l-att ġudizzjarju nnifsu intavolat entro t-terminu ta' tletin ġurnata ma jiġix issanat, hija kienet ser tkun *fuori termine* biex tikkontesta r-rapport tal-Uffiċjal Reviżur. Qal li l-artikolu 99 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li l-att null jista' jsir mill-ġdid jekk ma jkunx għadda t-terminu perentorju li fih għandu jsir. Qal li kieku l-iżball li rrenda l-att ġudizzjarju null

kien sempliċiment ‘żball tal-pinna’, huwa ma kienx ser ifettaq u jopponi għal sempliċi tibdil fil-kliem, iżda l-konsegwenza fatali hawnhekk kienet li r-risposta kienet nieqsa mit-talba, liema talba kellha titlob lill-Qorti twarrab kompletament jew parzjalment ir-rapport tal-Uffiċjal Reviżur. L-appellat qal li għalhekk, in-nullità tal-att ġudizzjarju in kwistjoni seħħet mhux għaliex intużat l-kelma ‘risposta’ minflok il-kelma ‘rikors’, iżda minħabba n-nuqqas ta’ ottemperanza ma’ dak li tipprovdi l-liġi, jiġifieri n-nuqqas ta’ talba sabiex il-Qorti twarrab kompletament ir-rapport tal-Uffiċjal Reviżur jew talba sabiex il-Qorti twarrab parzjalment ir-rapport tal-Uffiċjal Reviżur; u l-fatt li talba bħal din ma saritx entro t-terminu ta’ tletin jum min-notifika tar-rapport. L-appellat qal li dan in-nuqqas jinkwadra ruħhu fl-ambitu tal-artikolu 789(1)(ċ) u/jew 789(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, għaliex l-att fih vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, u/jew huwa nieqes mill-partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi, jiġifieri dak rikjest fl-artikolu 94B(4) tal-Kap. 55.

14. L-appellat qal li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddikjarat li l-att ġudizzjarju in kwistjoni huwa null, u dan għaliex anki li kieku kellu jkun konċess li l-kelma ‘risposta’ tiġi sostitwita bil-kelma ‘rikors’, xorta waħda l-att ma kienx ikun issanat u kompatibbli ma’ dak li jipprovdi l-artikolu 94B(4) tal-Kap. 55 tal-Liġijiet ta’ Malta, għaliex xorta waħda kien nieqes minn talba sabiex il-Qorti twarrab kompletament jew parzjalment ir-rapport tal-Uffiċjal Reviżur kif jgħid l-istess artikolu.

15. B’riferiment għall-element tal-preġudizzju, l-appellat qal li huwa għandu l-interess li jissalvagwardja l-interess pubbliku, u l-interess li atti u rapporti tal-Uffiċjal Reviżur ma jibqgħux mhux konklużi minħabba delungar inutili u żejjed

minħabba żbalji fil-proċedura adottata biex jiġi kkontestat rapport. Qal li l-liġi tipprovdi għal perijodu relattivament qasir ta' tletin (30) jum għall-kontestazzjoni, għaliex huwa fl-interess pubbliku li rapport tal-Uffiċjal Reviżur li jelenka infrazzjonijiet jiġi degretat mill-aktar fis, għaliex spiss jiġri li jkunu meħtieġa ordnijiet *ad hoc* ta' Qorti sabiex jiġu indirizzati nuqqasijiet jew żbalji. L-appellat qal li dawn tal-aħħar għandhom implikazzjonijiet serji fuq ċittadin privat, għaliex in-nuqqas ta' ottemperanza mal-liġijiet viġenti jaf ikollu konsegwenzi serji fuq il-kumplament tas-soċjetà. L-appellat qal li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ċaħdet it-talba għal korrezzjoni, u dan għaliex ir-risposta in kwistjoni fiha vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, u/jew hija nieqsa minn partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi, b'tali mod li anki li kieku t-talba għal korrezzjoni kellha tintlaqa', din ma kienitx ser tkun biżżejjed sabiex tissana l-att ġudizzjarju nnifsu.

16. B'riferiment għat-tieni aggravju mressaq mill-appellanta, l-appellat qal li dan ukoll huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, u dan għaliex l-Ewwel Qorti, wara li tat il-possibilità lill-partijiet li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub bħala difiża, iddeċidiet li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-mertu tal-kawża. Qal li kien ikun inutli għall-Qorti li tidħol fil-mertu tal-kawża, wara li ġie stabbilit li l-att ġudizzjarju li bih l-appellanta kkontestat ir-rapport tal-Uffiċjal Reviżur, huwa minnu nnifsu null. Qal li l-konsegwenza tan-nullità *ab initio* tal-att ġudizzjarju, hija li l-azzjoni tinqatel, u għalhekk il-Qorti għamlet sew li wara li ttrattat u laqgħet l-eċċezzjoni dilatorja tan-nullità, astjeniet milli tipproċedi biex tittratta l-mertu tal-kawża. Qal li kieku t-terminu li fih setgħet issir il-kontestazzjoni ma kienx għadu għadda, l-appellata setgħet tintavola l-kontestazzjoni fil-forma

espressa fl-artikolu 94B(4) tal-Kap. 55, u l-Qorti imbagħad kien ikollha d-dover li tittratta l-mertu u tieħu konjizzjoni tiegħu. Kompla jgħid li n-nullità tal-att ġudizzjarju li ssokta l-azzjoni, fisser li qatt ma kien hemm kontestazzjoni skont il-liġi, u għalhekk il-Qorti ma kellha l-ebda għażla għajr li tikkonferma r-rapport fl-intier tiegħu, mingħajr ħtieġa li tieħu konjizzjoni tal-provi ppreżentati mill-appellanta fil-mertu.

17. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li dan l-aggravju wkoll għandu jiġi miċħud fil-fatt u fid-dritt, u dan għaliex bil-mod kif l-appellanta ġabet a konjizzjoni tal-Ewwel Qorti l-kontestazzjoni tagħha għar-rapport, ġie ddikjarat null, b'dan illi l-Ewwel Qorti għamlet sew li astjeniet milli tittratta konsiderazzjonijiet oħra, inkluż it-talba għal referenza kostituzzjonali. L-appellat qal li huwa ironiku wkoll li l-appellanta tgħid li għamlet żewġ talbiet għal referenza kostituzzjonali, meta fil-fatt jirriżulta li ma saret ebda talba. Qal illi fir-risposta ma saret l-ebda talba, la sabiex jitwarrab jew jiġi varjat ir-rapport in kwistjoni, u lanqas għal referenza kostituzzjonali, u in effetti għandu jirriżulta li l-appellanta m'għamlet l-ebda talba sabiex issir referenza kostituzzjonali. Qal li in vista tal-fatt li l-kontestazzjoni tar-rapport tal-Uffiċjal Reviżur kellha ssir bil-miktub mingħajr ma jkun hemm smigħ, kien aktar jinkombi fuq l-appellanta li tkun ċara u inekwivoka fejn titlob ir-referenza kostituzzjonali, permezz ta' rikors b'talba ċara skont il-liġi u l-prattika tal-qrati tagħna. L-appellat qal ukoll li l-appellanta kellha tispeċifika għal liema raġuni qiegħda tallega li l-artikolu 4 tal-Kap. 56 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiv tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, u taċċerta li tali talba mhijiex frivola u vessatorja għaliex l-artikolu 4 tal-Kap. 56 japplika b'mod indiskriminat fis-sens li jirrikjedi d-doppja reġistrazzjoni ta'

kuntratt mhux biss f'każ ta' nutara residenti f'Għawdex meta l-proprjetà tkun f'Malta, iżda anki meta kuntratt ikun jinvolvi proprjetà sitwata f'Għawdex u n-nutar ikun residenti f'Malta. L-appellat qal li ladarba l-att ġudizzjarju li permezz tiegħu issoktaw il-proċeduri ta' kontestazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, ġie ddikjarat null mill-Qorti, kull att sussegwenti huwa null *ai termini* ta' dak li jipprovdi l-artikolu 98 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

18. B'riferiment għar-raba' aggravju mressaq mill-appellanta, l-appellat qal li s-sottomissjonijiet magħmula minnu fir-rigward tat-tieni aggravju tal-appellanta, għandhom jiġu applikati wkoll fir-rigward ta' dan l-aggravju.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

19. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat.

*L-Ewwel Aggravju:* *[L-Ewwel Qorti ma kellhiex tiddikjara l-kontestazzjoni tal-appellanta bħala nulla u bla effett, jew tonqos milli tieħu konjizzjoni tagħha, jew tiddeċiedi li l-appellanta m'għamlet l-ebda kontestazzjoni valida għar-rapport tal-Uffiċjal Reviżur]*

20. L-appellanta tgħid li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti għaliex fil-fehma tagħha din ma kellhiex tiddikjara l-kontestazzjoni tagħha bħala nulla u bla effett, jew tonqos milli tieħu konjizzjoni tagħha, jew inkella tqis li ma

saret l-ebda kontestazzjoni valida għar-rapport tal-Uffiċjal Reviżur. Tgħid li filwaqt li huwa minnu li wara li ġiet notifikata bir-rapport tal-Uffiċjal Reviżur, hija ppreżentat 'Risposta' u mhux 'Rikors', sussegwentement talbet għal korrezzjoni tal-att ġudizzjarju ppreżentat minnha sabiex kull fejn hemm il-kelma 'Risposta', din tinbidel bil-kelma 'Rikors'. L-appellanta tikkontendi li l-Ewwel Qorti kienet pjuttost riġida u drakonjana meta ċaħdet it-talbiet tagħha, wara li qieset li l-att ġudizzjarju li permezz tiegħu ppruvat tikkontesta r-rapport tal-Uffiċjal Reviżur kien null, u qajmet l-argument li l-Qrati tagħna qegħdin ittendu li kemm jista' jkun l-atti jiġu salvati, u mhux jiġu ddikjarati nulli. Qalet li l-artikolu 789 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jispeċifika dawk iċ-ċirkostanzi li minħabba fihom att ġudizzjarju jista' jitqies li huwa null, u ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ma jaqgħu taħt l-ebda waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi. Qalet ukoll li f'każ li jiġi deċiż li hija ma kkontestatx ir-rapport tal-Uffiċjal Reviżur, hija ser tisfa ppreġudikata.

21. Il-Qorti tirrileva li l-Ewwel Qorti kkunsidrat li anki f'każ li tiġi awtorizzata bidla fin-nomenklatura użata mill-appellanta, b'tali mod li kull fejn issemmiet il-kelma 'Risposta', din kellha tiġi sostitwita bil-kelma 'Rikors', l-att ġudizzjarju li permezz tiegħu l-appellanta ppruvat tikkontesta r-rapport tal-Uffiċjal Reviżur, ma sarx skont il-forma preskritta fl-artikolu 94B(4) tal-Kap. 55 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikolu 94B(4) tal-Kap. 55 jgħid illi:

> "In-Nutar ikollu d-dritt, permezz ta' rikors ippreżentat fi żmien tletin ġurnata minn meta jiġi notifikat b'rapport li jitlob li l-Qorti twarrab kompletament jew parzjalment ir-rapport tal-Uffiċjal Reviżur jew tan-Nutar Prinċipali. Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-Avukat Ġenerali li jkollu tletin ġurnata sabiex iwieġeb:

> Iżda meta jiġi ppreżentat mill-Uffiċjal Reviżur jew min-Nutar Prinċipali rapport li fil-fehma tal-Qorti ma jkun fih ebda ksur tal-liġi, il-Qorti għandha permezz ta' digriet notifikat lin-Nutar u lill-Avukat Ġenerali tikkonferma dak ir-rapport."

L-Ewwel Qorti qieset li l-appellanta, imkien fir-risposta tagħha ma talbet li r-rapport tal-Uffiċjal Reviżur jiġi mwarrab kompletament jew parzjalment, u għalhekk anki jekk in-nomenklatura tal-att ġudizzjarju ppreżentat mill-appellanta tinbidel minn 'risposta' għal 'rikors', xorta waħda l-att fih difett fil-forma jew jista' jitqies li huwa nieqes minn waħda mill-partikolaritajiet essenzjali meħtieġa mil-liġi, u għalhekk l-appellanta qiegħda titqies li ma kkontestatx ir-rapport tal-Uffiċjal Reviżur minħabba f'hekk. Fil-fatt ma jirriżultax li l-appellanta talbet li r-rapport tal-Uffiċjal Reviżur jitwarrab, iżda fil-kontestazzjoni tagħha hija tagħti diversi raġunijiet għalfejn, fil-fehma tagħha, il-konklużjonijiet fir-rapport huma żbaljati, u tibbaża l-argument tagħha fuq il-fatt li fiż-żmien rilevanti hija kienet residenti f'Malta u mhux f'Għawdex. Iżda din il-Qorti taqbel li waħda mill-formalitajiet rikjesti bil-liġi hija nieqsa, u għalhekk, ladarba l-appellanta naqset milli fit-terminu impost mil-liġi titlob li r-rapport tal-Uffiċjal Reviżur jitwarrab, imqar f'parti minnu, hija qiegħda titqies li ma kkontestatx l-imsemmi rapport. M'hemm xejn li jista' f'dan l-istadju jissana dan in-nuqqas min-naħa tal-appellanta, ladarba dak it-terminu perentorju impost mil-liġi issa għadda. Għaldaqstant din il-Qorti tikkunsidra li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qieset li l-att ġudizzjarju ippreżentat mill-appellanta huwa null u bla effett, u għalhekk iddeċidiet li ma tieħu l-ebda konjizzjoni tiegħu. Din il-Qorti għalhekk tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u sejra tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[L-Ewwel Qorti kellha tieħu konjizzjoni tal-provi ppreżentati mill-appellanta]*

23. L-appellanta qalet li l-Ewwel Qorti kellha tieħu konjizzjoni tal-provi ppreżentati minnha, senjatament tal-*affidavits* li permezz tagħhom l-appellanta ppruvat tressaq prova li fiż-żmien rilevanti hija kienet qiegħda tirrisjedi f'Malta. L-appellanta saħqet illi li kieku l-Ewwel Qorti kkunsidrat il-provi miġjuba minnha, din kienet tasal għall-konklużjoni li hija ma kellha l-ebda obbligu li tirreġistra ċerti atti doppjament, kif ġie stabbilit mill-Uffiċjal Reviżur, u meta l-provi miġjuba minnha f'dan ir-rigward ma ġewx ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti, inkisrilha d-dritt għal smigħ xieraq.

24. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li meta l-Ewwel Qorti ddeċidiet li ma tieħu l-ebda konjizzjoni tal-provi miġjuba mill-appellanta, dan m'għamlitux b'kapriċċ, imma għaliex fl-ewwel lok ġie deċiż li l-att ġudizzjarju li permezz tiegħu l-appellanta kkontestat ir-rapport tal-Uffiċjal Reviżur kien null. Mill-mument li ġiet stabbilita n-nullità tal-att, l-Ewwel Qorti ma ħadet l-ebda konjizzjoni ulterjuri ta' dak li kellha xi tgħid l-appellanta sabiex tiddefendi l-pożizzjoni tagħha, għajr għall-fatt li qieset l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnha. L-Ewwel Qorti kienet tkun proċeduralment skorretta li kieku qieset dak li kellha xi tgħid l-appellanta sabiex tindirizza l-mertu tal-kwistjoni, ladarba kien hemm deċiżjoni, li fil-fehma ta' din il-Qorti hija korretta, li l-att ġudizzjarju ppreżentat mill-appellanta kien null, u għalhekk mingħajr ebda effett f'għajnejn il-liġi. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u sejra tiċħdu

*It-Tielet Aggravju:* *[L-Ewwel Qorti kellha tieħu konjizzjoni tal-ilment kostituzzjonali mqajjem mill-appellanta]*

25. L-appellanta tgħid li l-Ewwel Qorti kellha tieħu konjizzjoni tal-ilment kostituzzjonali mqajjem minnha. Qalet li ladarba r-rapport tal-Uffiċjal Reviżur kien ibbażat fuq allegat ksur tal-artikolu 4 tal-Kap. 56, l-Ewwel Qorti kellha tistħarreġ il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-fatt li n-nutara li huma residenti f'Għawdex, huma obbligati jirreġistraw l-atti tagħhom doppjament.

26. Il-Qorti tirrileva li dak kollu li jemani minn att ġudizzjarju li ġie ddikjarat null, m'għandu l-ebda effett – *quod nullum est, nullum producit effectum*. Fil-każ odjern kien hemm ukoll id-diffikultà li l-appellanta mkien ma ressqet talba sabiex l-Ewwel Qorti tagħmel referenza kostituzzjonali fir-rigward tal-allegat ksur lamentat mill-appellanta, u jirriżulta li fl-att ġudizzjarju ppreżentat mill-appellanta bil-ħsieb li tikkontesta r-riżultanzi tal-Uffiċjal Reviżur, hija m'għamlet l-ebda talba bħal din, iżda għamlet biss is-sottomissjoni li dak li jipprovdi l-artikolu 4 tal-Kap. 56 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiv fil-konfront tan-nutara li għandhom il-post tar-residenza tagħhom ġewwa Għawdex. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. *vs.* Joseph Attard et**[1], dwar meta ssir referenza ta' kwistjoni skont l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni, jew skont il-Kap. 319, u r-raġunijiet għalfejn din tintalab minn Qorti:

> *"Jibda biex jingħad li kwantu għall-imsemmija nota tal-10 ta' Diċembru, 2007, meta ssir referenza ta' kwistjoni skont l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni (jew skont id-dispożizzjoni korrispondenti tal-Kap. 319), "il-kwistjoni" ma tibqax tal-parti li tkun qanqlet dik il-kwistjoni <u>iżda ssir tal-qorti li tkun effettivament irreferietha lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili</u>. Wara li l-qorti li quddiemha tkun tqanqlet il-kwistjoni tkun qieset li t-tqanqil ta' dik il-kwistjoni "ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja" – ħaġa li f'dan il-każ il-Bord jidher li ma kkonsidrahiex, almenu mhux espressament – u*

[1] 19.02.2008.

*wara li dik il-qorti tkun ottemperat ruħha ma' dak li tipprovdi r-Regola 5(1) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati – ħaġa li wkoll ma saritx, kif ġustament osservat il-Prim'Awla fis-sentenza appellata – il-qorti tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim Awla ħalli din tiddeċiedi dwar l-istess kwistjoni, b'mod li l-qorti li tkun irreferietha tkun marbuta, fid-deċiżjoni tal-vertenza bejn il-partijiet, skont kif il-Prim'Awla tkun iddeċidiet dwar dik il-kwistjoni. Dan kollu jfisser neċessarjament li l-"kwistjoni" imqanqla trid tkun, f'għajnejn il-qorti li quddiemha titqanqal, veramento ta' ostakolu għalbiex dik il-qorti tkun tista' tipproċedi 'l quddiem biex tidderimi l-vertenza bejn il-partijiet. Għalkemm il-kwistjoni tkun tqanqlet mill-parti, bid-deċiżjoni li tirreferiha, il-qorti tkun għamlet dik il-kwistjoni tagħha, b'mod għalhekk li l-parti ma tistax in segwitu "tirtira" il-kwistjoni jew tirtira "it-talba ... għal referenza", kif qed jippruvaw jagħmlu s-sidien tal-fond bin-nota tagħhom ġia msemmija tal-10 ta' Diċembru, 2007. Minn dan – ċioe li l-kwistjoni trid tkun verament ta' ostakolu għad-determinazzjoni tal-vertenza bejn il-partijiet – isegwi li jekk ikun hemm xi ostakolu proċedurali ieħor li minħabba fih il-qorti li quddiemha tkun tqanqlet il-kwistjoni ma tkunx tista' fi kwalunkwe każ tipproċedi oltre, "il-kwistjoni" ta' indoli kostituzzjonali ma tibqax waħda li tkun tista' tiġi riferuta lill-Prim'Awla, għax id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tassumi f'dak il-każ in-natura ta' sempliċi eżerċizzju akkademiku u mhux deċiżjoni li tkun tivvinkola lill-qorti li tkun għamlet ir-referenza fid-determinazzjoni tal-vertenza, determinazzjoni li ma tkun tista' qatt tasal għaliha. Issa, fil-każ in diżamina, ġaldarba quddiem il-Bord tqajmet (fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru, 2006) il-kwistjoni tal-ġudikat (minħabba d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell [Sede Inferjuri] tas-17 ta' Lulju, 2006), il-Bord kellu l-ewwel jiddeċiedi jekk verament kienx hemm dana l-ostakolu tal-ġudikat, u mhux jinjora, kif effettivament għamel, il-kwistjoni – li għandha n-natura ta' eċċezzjoni – tal-ġudikat. X'jiswa, in fatti, li l-Prim Awla tiddeċiedi dwar "il-kwistjoni" ta' indoli kostituzzjonali jekk il-Bord ma jista' qatt jasal biex jiddeċiedi l-vertenza bejn il-partijiet għax hemm l-ostakolu tal-ġudikat? Huwa minnu, kif qalet il-Prim'Awla fis-sentenza appellata, li l-kwistjoni tal-ġudikat ma tistax tiddeċidiha hi; però huwa daqstant ovvju li l-Prim'Awla m'għandhiex tintraprendi eżerċizzji ta' indoli kostituzzjonali meta hemm iktar min sempliċi possibilità li l-vertenza ma tistax tiġi determinata fil-meritu minħabba l-eċċezzjoni tal-ġudikat."*

27. Tenut kont ta' dak li ngħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza appena ċċitata, fil-każ odjern ma kien jagħmel l-ebda sens li l-Ewwel Qorti tirreferi l-atti quddiem il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) sabiex jiġi deċiż jekk l-artikolu 4 tal-Kap. 56 tal-Liġijiet ta' Malta huwiex leżiv tal-jeddijiet fundamentali tan-nutara

li jgħixu Għawdex, ladarba ġie deċiż li l-att ġudizzjarju li permezz tiegħu hija ttentat tikkontesta r-rapport tal-Uffiċjal Reviżur, huwa null u għalhekk bla effett. Kwalsiasi deċiżjoni dwar il-lanjanza kostituzzjonali tal-appellanta, ma setgħet bl-ebda mod torbot lill-Ewwel Qorti jew tinfluwixxi fuq il-pożizzjoni tal-appellanta fil-proċeduri li hija qiegħda tiffaċċja, u għalhekk kien ikun eżerċizzju inutili jew wieħed purament 'akkademiku'. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex misthoqq, u sejra tiċħdu.

*Ir-Raba' Aggravju:* *[Fil-mertu, id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija żbaljata għaliex din ma kellha l-ebda prova li l-appellanta kienet residenti f'Għawdex fil-perijodu in kontestazzjoni]*

28. L-appellanta tgħid li fil-mertu, id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija żbaljata għaliex ir-residenza tagħha kienet f'Malta, u għalhekk ma kellhiex tkun suġġetta għad-doppja reġistrazzjoni.

29. Il-Qorti għal darb'oħra tirrileva li fil-mument li ġie stabbilit li l-att ġudizzjarju li permezz tiegħu l-appellanta ppruvat tikkontesta r-rapport tal-Uffiċjal Reviżur huwa null, ma kien hemm l-ebda skop għalfejn l-Ewwel Qorti tidħol fil-provi jew fil-mertu tal-kontestazzjoni, ladarba kienet ittieħdet id-deċiżjoni li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni min-naħa tal-appellanta. L-appellanta ma tistax tippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tidħol fil-mertu tal-kwistjoni ladarba ġie deċiż li r-rapport tal-Uffiċjal Reviżur ma kienx ġie kkontestat bil-mod stabbilit mil-liġi. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħad l-aggravji kollha mressqa mill-appellanta, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**